I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-13 ta' Jannar 2011**

**dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet**

**(CON/2011/1)**

(2011/C 57/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-13 ta' Ottubru 2010, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet [1] (minn hawn 'il quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li b'mod partikolari jaffettwaw il-promozzjoni mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta ħlas, imma ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għat-twettiq bla xkiel ta' politika dwar l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, it-twettiq ta' operazzjonijiet ta' kambju barrani u l-investiment u l-ġestjoni tar-riżervi barranin uffiċjali tal-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 127(2) u 5 tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet ġenerali

Fid-dawl tal-impenn tal-mexxejja tal-G20 imħabbar fil-Laqgħa ta' Pittsburgh f'Settembru 2009 biex jiġu inkoraġġiti l-kapaċità ta' rkupru u t-trasparenza fis-suq tad-derivati *over-the-counter* (OTC), il-BĊE jappoġġa l-għan tar-regolament propost biex jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għal kuntratti ta' derivati OTC, u għat-twettiq ta' attivitajiet ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs) u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (TRs).

Iżda, il-BĊE għandu tħassib fir-rigward ta' uħud mid-dispożizzjonijiet tar-regolament propost, B'mod partikolari, ir-regolament propost għandu l-għan li jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja fis-suq tad-derivati OTC mill-aspett ta' superviżjoni prudenzjali. Il-banek ċentrali għandhom rwol u responsabbilitajiet statutorji biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja kif ukoll għas-sigurtà u l-effiċjenza tal-infrastruttri finanzjarji. Dan ir-rwol huwa mwettaq kemm mill-banek ċentrali responsabbli għas-sorveljanza ta' CCPs u TRs u banek ċentrali ta' ħruġ ta' valuti użati b'rabta ma' tranżazzjonijiet ikklerjati minn CCPs jew irreġistrati minn TRs. Għalhekk, l-involviment adegwat tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fis-SEBĊ f'diversi aspetti tar-regolament propost (partikolarment dwar deċiżjonijiet biex tingħata jew tiġi rtirata awtortizzazzjoni, inkluża l-estensjoni ta' attivitajiet; valutazzjonijiet ta' riskju kontinwi tas-CCPs; id-definizzjoni ta' standards tekniċi għal CCPs u

[1] KUMM(2010) 484 finali.

TRs; u deċiżjonijiet biex CCPs u TRs ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni) għandu jiġi żgurat mingħajr ma jiġu rregolati, fis-sustanza, il-kompetenzi tal-bank ċentali.

Barra minn hekk, il-BĊE jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li CCPs ikunu rregolati strettament. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk hijiex meħtieġa emenda fid-definizzjoni ta' "istituzzjoni ta' kreditu" fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) ([1]) sabiex jiġi żgurat li CCPs jiġu kklassifikati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu b'liċenzja bankarja bi skop limitat.

Il-BĊE jinnota wkoll li din ir-riforma ser ikollha konsegwenzi prattiċi enormi għall-parteċipanti fis-suq, partikolarment fir-rigward ta' operazzjonijiet, ġestjoni tar-riskju u dokumentazzjoni legali.

**Osservazzjonijiet speċifiċi**

Taħt ir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat u r-raba' inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"), flimkien mad-derogi provduti fl-Artikolu 139 tat-Trattat u 42.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, wieħed mill-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-SEBĊ huwa l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. F'dan ir-rigward, il-BĊE u l-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiġu żgurati sistemi ta' ħlas u ta' kklerjar effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn. Il-kompetenza ta' sorveljanza tal-Eurosistema fuq is-sistemi ta' kklerjar u ta' ħlas tiġi minn dawn id-dispożizzjonijiet ([2]). Il-kompetenza ta' sorveljanza hija wkoll inerenti wkoll għall-kompitu tas-SEBĊ li tikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja skont l-Artikolu 127(5) tat-Trattat, kif rifless fl-Artikolu 3.3 tal-Istatut tas-SEBĊ. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro taħt l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat, kif rifless fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, tiddependi fuq l-eżistenza ta' sistemi tas-suq u infrastrutturi effettivi u affidabbli. Għalhekk, il-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' dawn is-sistemi u infrastrutturi huwa kompitu bażiku tal-Eurosistema ([3]). BĊNi minn Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għandhom setgħat simili wkoll skont il-qafas nazzjonali legali tagħhom.

Fil-qasam tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju, inklużi CCPs, bankiera ċentrali u regolaturi tat-titoli fil-Kumitat tas-Sistemi ta' Pagament u Ħlas (CPSS) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) irrikonoxxew l-importanza kemm tar-regolamentazzjoni u tas-sorveljanza. Minħabba dan, ir-rakkomandazzjonijiet tas-CPSS-IOSCO huma bbażati fuq il-kunċett li jitwettqu r-regolamentazzjoni, is-superviżjoni u s-sorveljanza minn kummissjonijiet tat-titoli u banek ċentrali fuq livell indaqs. Ir-regolament propost għandu jsegwi l-istess approċċ billi jiżgura li s-setgħat tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) jiġu kkumplimentati u bbilanċjati minn involviment adegwat tal-BĊE u l-BĊNi. L-għan regolatorju predominanti għandu jkun li jiġu żviluppati standards elaborati b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-AETS u s-SEBĊ, biex b'hekk jiġi evitat il-bżonn għal banek ċentrali biex jiżviluppaw miżuri ta' sorveljanza addizzjonali u potenzjalment differenti (inklużi atti legali) biex jiżguraw is-sigurtà u s-sodizza ta' CCPs u TRs. Madankollu, dan jista' jwassal għal qafas regolatorju tal-Unjoni li jkun ta' piż eċċessiv għas-CCPs u jista' joħloq ukoll riskji legali meta jkun hemm ħtiġijiet duplikati jew anki diverġenti.

F'dan l-isfond, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn is-superviżuri u s-sorveljanti fil-kuntest tar-regolament propost. Kif diġà stabilit fil-kontribuzzjoni tal-Eurosistema għall- "European Commission's public consultation on derivatives and market infrastructures" (Il-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea fuq derivati u infrastrutturi tas-suq) ([4]), il-BĊE jikkunsidra li r-rwol tal-membri tas-SEBĊ għandu jkun rifless espressament u ppreċiżat fl-aspetti li ġejjin. L-ewwel, id-determinazzjoni tal-eliġibbiltà għall-obbligu ta' kklerjar fl-Artikolu 4 tar-regolament propost m'għandhiex issir mill-AETS f'iżolament, imma b'kooperazzjoni mal-membri tas-SEBĊ. It-tieni, l-iffissar ta' standards tekniċi regolatorji,

([1]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

([2]) Barra minn dan, l-attivitajiet ta' sorveljanza ta' uħud mill-Istati Membri tal-BĊNi li l-munita tagħhom hija l-euro jitwettqu abbażi tar-regolamenti u liġijiet nazzjonali, li jikkomplimentaw u, f'ċerti każijiet, jiddupplikaw il-kompetenza tal-Eurosistema. Il-kompetenza ta' sorveljanza tal-BĊNi tal-Istati Membri li għadhom ma daħħlux l-euro, hija stabilita fil-liġijiet u regolamenti nazzjonali.

([3]) Ara wkoll "Eurosystem Oversight Policy Framework", tal-20 ta' Frar 2009, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'http://www.ecb.europa.eu

([4]) Lulju 2010, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE http://www.ecb.europa.eu

linji ta' gwida u rakkomandazzjonijiet għal CCPs u TRs għandhom isiru f'kooperazjzoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ. Biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' proċeduri u deċiżjonijiet politiċi mgħoddija [1] u biex tiġi rrikonoxxuta għal kollox il-kompetenza tal-AETS u tas-SEBĊ, l-aħjar mod biex jiġi organizzat dan ix-xogħol għandu jkun permezz ta' grupp AETS-SEBĊ konġunt ibbażat fuq il-mudell tal-grupp preżenti SEBĊ-KRTE. It-tielet, il-membri rilevanti tas-SEBĊ għandhom, kemm minn perspettiva ta' sorveljanza u bħala banek ċentral tal-ħruġ, skont il-każ, ikunu involuti fil-kompiti kollha tal-kulleġġ stabilit mill-Artikolu 14 tar-regolament propost, inkluż fl-awtorizzazzjoni u r-reviżjoni kontinwa tas-CCPs skont it-Titolu III tar-regolament propost. Ir-raba', fir-rigward ta' relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, id-deċiżjoni li CCPs ta' pajjiż terż jiġu rrikonoxxuti skont l-Artikolu 23 tar-regolament propost m'għandhiex tittieħed mill-AETS mingħajr kooperazzjoni mill-qrib mal-membri rilevanti tas-SEBĊ, kemm minn perspettiva ta' sorveljanza kif ukoll bħala banek ċentrali ta' ħruġ, sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tħassib u politika ta' bank ċentrali fir-rigward, pereżempju, tal-likwidità u l-ġestjoni tar-riskju jiġu riflessi b'mod adegwat. Barra minn hekk, il-BĊE jirrakkomanda li rekwiżit għal rikonoxximent bħal dan għandu jkun it-trattament reċiproku ta' CPPs mill-Unjoni taħt il-liġijiet rilevanti ta' dawn il-pajjiżi terzi. Il-ħames, għandu jkun hemm parteċipazzjoni u kooperazzjoni adegwata bejn l-awtoritajiet, korpi u banek ċentrali rilevanti kollha. Fil-każ ta' banek ċentrali, dan japplika kemm fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kulleġġ kif ukoll fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa, inkluż għall-istabbiltà finanzjarja, sorveljanza u finijiet statistiċi.

Finalment, il-BĊE jinnota li l-banek ċentrali jistgħu joffru lil CCPs firxa ta' faċilitajiet, li possibbilment jinkludu servizzi ta' pagament u depożitu u kreditu matul il-lejl, skont il-kompiti u r-responsabbiltajiet statutorji tagħhom. Il-BĊE jirrikonoxxi li l-faċilitajiet ta' bank ċentrali huma l-istrument l-iktar effettiv għall-infrastrutturi tas-suq minħabba l-ħtiġijiet tagħhom ta' likwidità u ġestjoni ta' riskju. Iżda, il-faċilitajiet ta' bank ċentrali mhumiex iddiżinjati *per se* biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttiri tas-suq, u hija l-Eurosistema u banek ċentrali oħra li għandhom jiddeterminaw għalihom innifishom liema faċilitajiet jixtieqというjoffru lis-CCPs u infrastrutturi oħrajn tas-suq u b'liema kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 10(1) tar-regolament propost jeħtieġ li s-CCPs ikollhom "aċċess għal likwidità adegwata" bħala prekundizzjoni għall-kisba ta' awtorizzazzjoni biex jingħataw servizzi u attivitajiet ta' CCP. Il-likwidità adegwata msemmija "tista' tirriżulta minn aċċess għal likwidità ta' bank ċentrali jew għal-likwidità ta' bank kummerċjali ta' sodezza kreditizja u affidabbiltà". Il-BĊE jikkunsidra li l-flus ta' bank kummerċjali fil-verità ma jeliminawx ir-riskji, filwaqt li l-flus ta' bank ċentrali hekk jagħmlu, kif rikonoxxut mir-rakkomandazzjonijiet tas-CPSS-IOSCO u s-SEBĊ-KRTE. Għaldaqstant, ir-regolament propost m'għandux jippreżenta l-likwidità ta' bank ċentrali u l-flus ta' bank ċentrali bħala żewġ għażliet ugwalment siguri u preferibbli.

Fl-istess ħin, il-BĊE jinnota pożittivament li r-regolament propost ma fihx suġġerimenti dwar ir-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-kreditu ta' bank ċentrali. Iktar milli għal faċilitajiet oħrajn, id-deċiżjoni biex jiġi pprovdut kreditu ta' rutina jew ta' emerġenza hija prerogattiva ta' bank ċentrali u hija marbuta direttament mal-politika monetarja.

Fejn il-BĊE jirrikkmanda illi r-regolament propost jiġi emendat, fl-Anness qed jingħataw proposti tal-abbozzar speċifiċi akkumpanjati minn test spegattiv f'dan is-sens.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Jannar 2011.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

[1] Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ecofin tad-9 ta' Ottubru 2007, li jgħidu li: "Fir-rigward tal-ħidma ta' SEBĊ/KRTE 'Standards għal Clearing u Ħlas ta' Titoli fl-UE', il-Kunsill … jirrikonoxxi li l-protezzjoni ta' l-investitur u s-sikurezza prudenzjali tas-settur post-kummerċjali, inklużi l-aspetti tiegħu tal-ġestjoni tar-riskju, huma kwistjonijiet importanti li għandhom jiġu diskussi u li għandha tiġi kkunsidrati azzjoni konkreta, inkluż per eżempju billi jiġu miftiehma standards jew miżuri regolatorji, bħala kompliment għall-Kodiċi ta' Kondotta dwar ir-riskji u l-istabbiltà finanzjarja"; ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Ecofin tat-3 ta' Ġunju 2008, li stieden is-SEBĊ u l-KRTE biex jikkonkludu x-xogħol fuq l-istandards imsemmijin iktar 'il fuq.

*ANNESS*

**Proposti tal-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|
| ***Emenda 1***<br>Il-premessa 7 bis tar-regolament propost (gdid) | |
| L-ebda test bħalissa | "(7 bis) **Taħt l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-tieni sentenza tal-Artikolu 1, l-Artikolu 3.1 u l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ'), flimkien mad-deroga provduta skont l-Artikolu 139 tat-Trattat u l-Artikolu 42.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, wieħed mill-kompeti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) huwa l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' pagament. F'dan ir-rigward, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiġu żgurati sistemi ta' pagament u kklerjar effiċjenti u sodi ġewwa l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn. Banek ċentrali nazzjonali minn Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro għandhom setgħat simili wkoll skont il-qafas nazzjonali legali tagħhom. Isegwi li l-eżerċizzju ta' setgħat ta' sorveljanza jista' jiġi pperċepit bħala kompitu bażiku tas-SEBĊ. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar id-derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' sorveljanza tal-membri tas-SEBĊ kif stabilit fit-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ u għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' sorveljanza ji jirriżultaw minn liġijiet u regolamenti nazzjonali.**" |
| *Spjegazzjoni*<br>*Ir-regolament propost jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali għas-CCPs u TRs mingħajr ma jirrifletti sewwa l-kompetenza ta' sorveljanza tal-membri tas-SEBĊ fuq dawn l-infrastrutturi, kif preskritt fit-Trattat, l-Istatut tas-SEBĊ u l-liġijiet u r-regolament nazzjonali. Għal din ir-raġuni, il-premessa ġdida proposta għandha tistabbilixxi l-kuntest li fih ir-regolament propost ser japplika meta jiġi adottat.* | |
| ***Emenda 2***<br>Il-premessa 29 tar-regolament propost | |
| "(29) Regoli diretti dwar l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs huma korollarju essenzjali għall-obbligu tal-ikklerjar tad-derivati OTC. Huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jżommu r-responsabbiltà għall-aspetti kollha tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs, inkluż il-verifika li s-CCP applikanta tikkonforma ma' dan ir-Regolament u mad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli [il-finalità tas-saldu fis-sistemi tas-saldu b'pagament u titoli], fid-dawl tal-fatt li dawk l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jibqgħu fl-aqwa pożizzjoni biex jeżaminaw kif joperaw is-CCPs fuq bażi ta' kuljum, biex iwettqu reviżjonijiet regolari u jieħdu l-azzjoni xierqa, fejn ikun meħtieġ." | "(29) Regoli diretti dwar l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs huma korollarju essenzjali għall-obbligu tal-ikklerjar tad-derivati OTC. Huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jżommu r-responsabbiltà għall-aspetti kollha tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs, inkluż il-verifika li s-CCP applikanta tikkonforma ma' dan ir-Regolament u mad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli [il-finalità tas-saldu fis-sistemi tas-saldu b'pagament u titoli], fid-dawl tal-fatt li dawk l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jibqgħu fl-aqwa pożizzjoni biex jeżaminaw kif joperaw is-CCPs fuq bażi ta' kuljum, biex iwettqu reviżjonijiet regolari u jieħdu l-azzjoni xierqa, fejn ikun meħtieġ. **Filwaqt li jieħdu in kunsiderazzjoni s-setgħat ta' sorveljanza tagħhom u** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| | r-rwol tal-banek ċentrali tal-ħruġ, il-membri tas-SEBĊ għandhom għal raġunijiet ta' effiċjenza, biex jevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol, ikunu involuti mill-qrib mill-awtorità kompetenti fir-reviżjonijiet regolari tas-CCPs u d-deċiżjonijiet għal azzjoni xierqa." |

*Spjegazzjoni*

*Jekk, skont ir-regolament propost, il-membri tas-SEBĊ, fir-rwol tagħhom ta' sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ, huma involuti mill-awtorità kompetenti fir-reviżjonijiet regolari tas-CCPs u deċiżjonijiet għal azzjoni xierqa, dan jevita d-duplikazzjoni tax-xogħol magħmul minn dawn l-awtoritajiet kompetenti minn perspettiva superviżorja u mill-BĊE u l-BĊNi minn perspettiva ta' sorveljanza. Ikun ukoll iktar effettiv għas-CCP regolat, għaliex ma jkollux għalfejn jipprovdi informazzjoni rilevanti lil u jikkoopera ma' awtoritajiet u banek ċentrali multipli.*

***Emenda 3***

Il-premessa 49 tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "(49) Huwa importanti li tiġi żgurata konverġenza internazzjonali tar-rekwiżiti għal kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Dan ir-Regolament isegwi r-rakkomandazzjonijiet żviluppati mis-CPSS-IOSCO u SEBĊ-KRTE u joħloq qafas tal-Unjoni li fih is-CCPs ikunu jistgħu joperaw b'mod sikur. L-AETS għandha tqis dawn l-iżviluppi meta tfassal l-istandards tekniċi regolatorji kif ukoll il-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament" | "(49) Huwa importanti li tiġi żgurata konverġenza internazzjonali tar-rekwiżiti għal kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Dan ir-Regolament isegwi r-rakkomandazzjonijiet **eżistenti** żviluppati mis-CPSS-IOSCO u s-SEBĊ-KRTE [nota f'qiegħ il-paġna], ~~u~~ **filwaqt li jiġi nnutat li r-rakkomandazzjonijiet CPSS-IOSCO għall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, inklużi s-CCPs, bħalissa qed jiġu riveduti. F'dan ir-rigward, dan ir-Regolament** joħloq qafas tal-Unjoni li fih is-CCPs ikunu jistgħu joperaw b'mod sikur. , **billi** l-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-awtoritajiet rilevanti**, għandha ~~tikkunsidra dawn~~ **tqis** l-**istandards eżistenti kif ukoll** żviluppi ġodda meta tfassal **u tirrivedi** l-istandards tekniċi regolatorji kif ukoll il-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament." |
| Test tan-nota f'qiegħ il-paġna:<br>Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej. | Test tan-nota f'qiegħ il-paġna:<br>Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej. **Fit-3 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill Ecofin stieden lis-SEBĊ u l-KRTE biex jadattaw u jiffinalizzaw ir-'Rakkomandazzjonijiet tas-SEBĊ-KRTE għall-ikklerjar u s-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea'. Minħabba r-riskju għall-istabbiltà finanzjarja li joħolqu l-iskoperturi ta' derivati OTC li dejjem qegħdin jikbru, il-Kunsill Ecofin stieden lis-SEBĊ u lill-KRTE f'Diċembru 2008 biex jikkunsidraw espliċitament ir-riskji tad-derivati OTC meta jirrivedu u jiffinalizzaw ir-rakkomandazzjoniet għas-CCPs. Is-SEBĊ u l-KRTE ssoktaw b'xogħolhom f'Ġunju 2009 u rrivedew ir-rakkomandazzjonijiet skont it-talbiet tal-Kunsill Ecofin, billi kkunsidraw l-iżviluppi regolatorji u legali riċenti kollha u inizjattivi oħrajn. Fit-23 ta' Ġunju 2009, is-SEBĊ u l-KRTE ppubblikaw ir-"Recommendations for securities settlement systems and central counterparties in the European Union [Rakkomandazzjonijiet għal sistemi ta' ħlas ta' titoli u kontropartijiet ċentrali fl-Unjoni Ewropea]"** |

*Spjegazzjoni*

*Biex tiġi żgurata l-konsistenza ta' leġiżlazzjoni f'livell globali, il-BĊE jipproni li r-regolament propost jiġi ċċarat billi jitqiesu l-istandards żviluppati mis-CPSS-IOSCO. Fl-istess linja, wara li jitqiesu l-kompetenzi tal-membri tas-SEBĊ, u awtoritajiet rilevanti oħrajn, il-BĊE jipproponi ukoll li jikkjarifia illi l-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-awtoritjaiet rilevanti, għandha tikkunsidra mhux biss l-istandards eżistenti imma wkoll l-iżviluppi ġodda meta tħejji u tirrevedi l-istandards tekniċi, il-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet previsti fir-regolament propost.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 4***

Il-premessa 50 tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "(50) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-dettalji li għandhom jiġu inklużi fin-notifika lill-AETS u fir-reġistru, u l-kriterji għad-deċiżjoni tal-AETS dwar l-eliġibbiltà għall-obbligu tal-ikklerjar, dwar il-livell limitu tal-informazzjoni u l-ikklerjar, dwar id-durata massima ta' kuntratt, dwar il-likwidità, dwar il-kontenut minimu tar-regoli ta' governanza, dwar id-dettalji taż-żamma tar-rekords, dwar il-kontenut minimu tal-pjan tal-kontinwità tal-operat u s-servizzi garantiti, dwar il-perċentwali u l-firxa ta' żmien għar-rekwiżiti tal-marġini, dwar il-kundizzjonijiet estremi tas-suq, dwar il-kollateral likwidu ħafna u t-tnaqqis impost (haircuts), dwar l-istrumenti finanzjarji likwidi ħafna u l-limiti ta' konċentrazzjoni, dwar id-dettalji tal-prestazzjoni tat-testijiet, dwar id-dettalji li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' repożitorju tan-negozju għar-reġistrazzjoni mal-AETS, dwar il-multi u dwar id-dettalji dwar l-informazzjoni li repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel disponibbli, kif imsemmi f'dan ir-Regolament. Meta tiddefinixxi l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tuża l-kompetenza tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej rilevanti (AETS, ABE, AEAPX). Fid-dawl tal-kompetenza tal-AETS rigward kwistjonijiet dwar titoli u s-swieq tat-titoli, l-AETS għandu jkollha rwol ċentrali fl-għoti ta' pariri lill-Kummissjoni dwar it-tħejjija tal-atti delegati. Madankollu, fejn xieraq, l-AETS għandha tikkonsulta mill-qrib maż-żewġ Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra." | "(50) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-dettalji li għandhom jiġu inklużi fin-notifika lill-AETS u fir-reġistru, u l-kriterji għad-deċiżjoni tal-AETS dwar l-eliġibbiltà għall-obbligu tal-ikklerjar, dwar il-livell limitu tal-informazzjoni u l-ikklerjar, dwar id-durata massima ta' kuntratt, dwar il-likwidità, dwar il-kontenut minimu tar-regoli ta' governanza, dwar id-dettalji taż-żamma tar-rekords, dwar il-kontenut minimu tal-pjan tal-kontinwità tal-operat u s-servizzi garantiti, dwar il-perċentwali u l-firxa ta' żmien għar-rekwiżiti tal-marġini, dwar il-kundizzjonijiet estremi tas-suq, dwar il-kollateral likwidu ħafna u t-tnaqqis impost (haircuts), dwar l-istrumenti finanzjarji likwidi ħafna u l-limiti ta' konċentrazzjoni, dwar id-dettalji tal-prestazzjoni tat-testijiet, dwar id-dettalji li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' repożitorju tan-negozju għar-reġistrazzjoni mal-AETS, dwar il-multi u dwar id-dettalji dwar l-informazzjoni li repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel disponibbli, kif imsemmi f'dan ir-Regolament. Meta tiddefinixxi l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tuża l-kompetenza tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej rilevanti (AETS, ABE, AEAPX). Fid-dawl tal-kompetenza tal-AETS rigward kwistjonijiet dwar titoli u s-swieq tat-titoli, **u l-kompetenza tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tal-infrastrutturi tal-ħlas, ikklerjar u pagament**, l-AETS **u membri tas-SEBĊ** għandhom ikollhom rwol ċentrali fl-għoti ta' pariri lill-Kummissjoni dwar it-tħejjija tal-atti delegati. Madankollu**Barra minn dan**, fejn xieraq, l-AETS għandha tikkonsulta mill-qrib maż-żewġ Awtoritajiet Superviżorji Ewropej l-oħra." |

*Spjegazzjoni*

*Filwaqt li titqies il-kompetenza ta' sorveljanza tal-membri tas-SEBĊ, kif preskritt fit-Trattat u fl-Istatut tas-SEBĊ u/jew kull liġi jew regolament nazzjonali fuq l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-BĊN, għandu jiġi żgurat li l-banek ċentrali jiġu involuti mill-qrib fit-twaqqif tal-istandards tekniċi regolatorji rilevanti, il-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet previsti fir-regolament propost. Dan jevita r-riskju tal-possibbiltà li standards regolatorji doppji jinħarġu separatament mill-BĊN u/jew il-BĊNi. Ikun ukoll iktar effiċjenti għas-CCP regolata, billi jkollha tikkonforma biss ma' sett wieħed ta' regoli.*

***Emenda 5***

Definizzjoni ġdida tiddaħħal fl-Artikolu 2

| | |
|---|---|
| L-ebda test bħalissa | **" 'sorveljanti kompetenti' tfisser membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li jagħmlu s-sorveljanza ta' CCP jew repożitorju ta' tranżazzjonijiet partikolari;"** |

*Spjegazzjoni*

*Il-kliem "sorveljanti kompetenti" jiċċara li l-membri tas-SEBĊ li jissorveljaw CCP jew RT partikolari, skont il-każ, ser jaqdu l-funzjonijiet stabiliti fir-regolament propost.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 6***

Definizzjoni ġdida tiddaħħal fl-Artikolu 2

| | |
|---|---|
| L-ebda test bħalissa | **“ ‘bank ċentrali tal-ħruġ’ tfisser il-bank ċentrali fi ħdan l-Unjoni li joħroġ munita użata fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ikklerjati minn CCP jew reġistrata minn repożitorju tat-tranżazzjonijiet;”** |

*Spjegazzjoni*

*Il-bank ċentrali tal-ħruġ huwa l-bank ċentrali li joħroġ il-munita kklerjata minn CCP u rreġistrata minn RT, li mhuwiex necessarjament l-istess bħall-bank ċentrali li jwettaq is-sorveljanza.*

***Emenda 7***

L-Artikolu 4(5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| “5. L-AETS għandha, fuq l-inizjattiva tagħha stess u b’konsultazzjoni mal-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku (BERS), tidentifika u tinnotifika lill-Kummissjoni l-klassijiet ta’ kuntratti ta’ derivati li għandhom jiġu inklużi fir-reġistru pubbliku tagħha, iżda li għalihom l-ebda CCP tkun għadha ma rċeviet awtorizzazzjoni.” | “5. L-AETS għandha, fuq l-inizjattiva tagħha stess u b’konsultazzjoni **mal-membri tas-SEBĊ u ma**l-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku (BERS), tidentifika u tinnotifika lill-Kummissjoni l-klassijiet ta’ kuntratti ta’ derivati li għandhom jiġu inklużi fir-reġistru pubbliku tagħha, iżda li għalihom l-ebda CCP tkun għadha ma rċeviet awtorizzazzjoni.” |

*Spjegazzjoni*

*Minħabba l-importanza sistemika tal-identifikazzjoni tal-klassijiet ta’ kuntratti ta’ derivati li jiġu inklużi fir-reġistru pubbliku tal-AETS bl-approċċ minn isfel għal fuq, il-membri tal-SEBĊ għandhom ikunu kkonsultati fuq dawn l-inklużjonijiet.*

***Emenda 8***

L-Artikolu 4(6) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| “6. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan li ġej:<br>[…]<br>L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Ġunju 2012.” | “6. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan li ġej:<br>[…]<br>L-AETS, **f’kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Ġunju 2012.” |

*Spjegazzjoni*

*Minħabba r-rwol u r-responsabbiltajiet statutorj tagħhom fil-qasam tas-sorveljanza, il-membri tas-SEBĊ għandhom jaħdmu mill-qrib mal-AETS fil-proċess biex jiġu ddeterminati l-istandards regolatorji għall-eliġibbiltà ta’ derivati soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|

***Emenda 9***

L-Artikolu 6(4) tar-regolament propost.

| | |
|---|---|
| "4. Is-setgħat huma ddelegati lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina d-dettalji u t-tipi ta' rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għall-klassijiet differenti tad-derivati.<br><br>Dawk ir-rapporti għandu jkun fihom mill-inqas:<br><br>(a) il-partijiet fil-kuntratt u, meta jkunu differenti, il-benefiċjarju tad-drittijiet u l-obbligi li joħorgu minnhom għandhom ikunu identifkati b'mod xieraq;<br><br>(b) il-karatteristiċi ewlenin tal-kuntratt, inklużi t-tip, l-element sottostanti, il-maturità u l-valur nozzjonali jiġu rrappurtati.<br><br>[…]<br><br>L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "4. Is-setgħat huma ddelegati lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina d-dettalji u t-tipi ta' rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għall-klassijiet differenti tad-derivati.<br><br>Dawk ir-rapporti għandu jkun fihom mill-inqas:<br><br>(a) il-partijiet fil-kuntratt u, meta jkunu differenti, il-benefiċjarju tad-drittijiet u l-obbligi li joħorgu minnhom għandhom ikunu identifkati b'mod xieraq;<br><br>(b) il-karatteristiċi ewlenin tal-kuntratt, inklużi t-tip, l-element sottostanti, il-maturità u l-valur nozzjonali jiġu rrappurtati.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tiżviluppa abbozzi ta' tandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE huwa tal-fehma illi s-sistema ta' rappurtar għandha titwaqqaf b'tali mod li tippermetti li l-informazzjoni miġbura tintuża għall-għanijiet multipli u b'mod partikolari biex issostni l-funzjoni statistika tas-SEBĊ. Dan għandu jippermetti lir-regolaturi li jimmoniterjaw l-iżviluppi u ssir verifika ta' dawn l-iżviluppi mal-informazzjoni maħżuna f'databases oħrajn, biex b'hekk tkun tista' ssir analiżi tal-istabbiltà finanzjarja u tar-riskju sistemiku f'waqtha. Għal dan l-iskop, huwa imporanti wkoll li jsir progress biex jiġi żgurat li tista' ssir referenza għal kull kontroparti OTC b'identifikatur ta' entità uniku skont standard miftieħem, li jiżgura wkoll l-interoperabbiltà ta' databases eżistenti.*

***Emenda 10***

L-Artikolu 10(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "1. Meta CCP, li tkun persuna ġuridika stabilita fl-Unjoni u jkollha aċċess għal likwidità adegwata, ikollha l-intenzjoni li twettaq is-servizzi u l-attivitajiet tagħha, hi għandha tapplika għal awtorizzazzjoni għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabilita.<br><br>Tali likwidità tista' tirriżulta minn aċċess għal likwidità ta' bank ċentrali jew għal-likwidità ta' bank kummerċjali ta' sodezza kreditizja u affidabbiltà, jew taħlita tat-tnejn. Aċċess għal-likwidità jista' jirriżulta minn awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/48/KE jew arranġamenti xierqa oħra." | "1. Meta CCP, li tkun persuna ġuridika stabilita fl-Unjoni u jkollha aċċess għal likwidità adegwata, ikollha l-intenzjoni li twettaq is-servizzi u l-attivitajiet ta' **CCP**, hi għandha tapplika għal awtorizzazzjoni ~~lill-~~ **minn** awtorità kompetenti tal-Istat Membru **skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament** ~~fejn tkun stabilita.~~<br><br>~~Tali likwidità tista' tirriżulta minn aċċess għal likwidità ta' bank ċentrali jew għal-likwidità ta' bank kummerċjali ta' sodezza kreditizja u affidabbiltà, jew taħlita tat-tnejn. Aċċess għal-likwidità jista' jirriżulta minn awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/48/KE jew arranġamenti xierqa oħra.~~" |

*Spjegazzjoni*

*Kif spjegat f'iktar dettal hawn fuq, filwaqt li l-BĊE jikkunsidra li l-flus tal-bank ċentrali huma s-sors l-iktar sigur ta' likwidità għall-finijiet ta' pagament f'kontanti, jenfasizza li l-faċilitajiet ta' bank ċentrali mhumiex indikati per se biex jissodisfaw il-bżonnijiet tan-negozju ta' infrastrutturi tas-suq. Għaldaqstant, huma l-banek ċentrali li għandhom jiddeterminaw għalihom innifishom liema faċilitajiet jixtieqiu joffru lis-CCPs u infrastrutturi tas-suq oħrajn, u taħt liema termini u kundizzjonijiet. Fl-istess ħin, huwa importanti għal ragunijiet ta' riskju sistemiku li tinżamm ir-referenza għal "aċċess għal likwidità adegwata" bħala parti mir-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni (li tkompli).*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 11***

Tħassir tal-Artikolu 10(5) tar-regolament propost.

| | |
|---|---|
| "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għal-likwidità adegwata msemmija fil-paragrafu 1.<br><br>L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli [7 sa 7d] tar-Regolament …/… [Regolament AETS].<br><br>L-ABE għandha, b'konsultazzjoni mal-AETS, tissottometti abbozz lill-Kummissjoni għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji sat-30 ta' Ġunju 2012." | "~~5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għal-likwidità adegwata msemmija fil-paragrafu 1.~~<br><br>~~L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli [7 sa 7d] tar-Regolament …/… [Regolament AETS].~~<br><br>~~L-ABE għandha, b'konsultazzjoni mal-AETS, tissottometti abbozz lill-Kummissjoni għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji sat-30 ta' Ġunju 2012.~~" |

*Spjegazzjoni*

*Bħala konsegwenza tal-emenda 10 aktar 'il fuq, bil-propsota tat-tħassir tar-referenza għal "aċċess għal likwidità adegwata", il-kontenut tal-Artikolu 10(5) fuq l-iffissar ta' standards tekniċi regolatorji ikollu jitressaq post ieħor fir-regolament propost (ara l-emenda 33 iktar 'l isfel).*

***Emenda 12***

L-Artikolu 12(3) tar-regolament propost.

| | |
|---|---|
| "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kapital, il-qligħ miżmum u r-riżervi ta' CCP imsemmija fil-paragrafu 2.<br><br>[…]<br><br>L-AETS għandha, b'konsultazzjoni mal-ABE, tissottometti abbozz lill-Kummissjoni għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji sat-30 ta' Ġunju 2012." | "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kapital, il-qligħ miżmum u r-riżervi ta' CCP imsemmija fil-paragrafu 2.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **għandha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, u b'konsultazzjoni mal-ABE, tissottometti abbozz lill-Kummissjoni għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Livell adegwat ta' rekwiżiti kapitali inizjali u kontinwu huwa ta' importanza essenzjali għall-istabbiltà finanzjarja. F'dan ir-rigward, il-membri tas-SEBĊ għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati iktar il-prinċipji ta' livell għoli li diġà hemm fir-regolament propost.*

***Emenda 13***

L-Artikolu 13(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta tkun kompletament sodisfatta li s-CCP applikanti tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabiliti f'dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti adottati skont id-Direttiva 98/26/KE, u b'segwitu tal-opinjoni pożittiva konġunta tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 15 u l-opinjoni tal-AETS." | "1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta tkun kompletament sodisfatta li s-CCP applikanti tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabiliti f'dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti adottati skont id-Direttiva 98/26/KE, u b'segwitu tal-opinjoni pożittiva konġunta tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 15 u l-opinjoni tal-AETS **u, jekk ipprovdut, l-opinjoni tas-sorveljanti kompetenti u l-bank ċentrali tal-ħruġ**." |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ għandhom ikunu riflessi wkoll fir-rigward tal-għoti jew iċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni CCP. F'dan ir-rigward, awtorità kompetenti m'għandhiex tagħti awtorizzazzjoni biss abbażi tal-konformità ta' rikorrent mar-rekwiżiti taħt ir-regolament propost imma abbażi wkoll tal-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' sorveljanza rilevanti. Għal din ir-raguni, kemm il-BĊE kif ukoll il-BĊNi għandhom jipprovdu opinjoni fuq awtorizzazzjonijiet mitlubin.*

***Emenda 14***

L-Artikolu 14(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabiliment ta' CCP għandha twaqqaf u tippresjedi kulleġġ li jiffaċilita t-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 10, 11, 46 u 48.<br><br>Il-kulleġġ għandu jikkonsisti minn:<br><br>[…]<br><br>(f) l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-CCP u l-bank ċentrali tal-ħruġ tal-izjed muniti rilevanti tal-istrumenti finanzjarji kklerjati." | "1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabiliment ta' CCP għandha twaqqaf u tippresjedi kulleġġ li jiffaċilita t-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 10, 11, 46 u 48.<br><br>Il-kulleġġ għandu jikkonsisti minn:<br><br>[…]<br><br>(f) ~~l-awtorità responsabbli għall-ħarsien tas-CCP~~ **is-sorveljanti kompetenti**; u<br><br>(g) il-banek central tal-ħruġ tal-izjed muniti rilevanti tal-istrumenti finanzjarji kklerjati." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ għandhom ikunu riflessi mhux biss fl-għoti jew fiċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni CCP, imma wkoll, pereżempju, fl-attivitajiet l-oħra tal-kulleġġ bħal testijiet tal-istress u l-valutazzjoni tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà. F'dan ir-rigward, użu konsistenti tat-terminologija hija proposta skont l-emenda 5 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li mhux biss il-banek ċentrali tal-ħruġ huma rappreżentati fil-kulleġġ imma wkoll il-banek ċentrali ta' sorveljanza, li jistgħu ma jkunux l-istess.*

***Emenda 15***

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mill-inqas fuq bażi annwali, jirrevedu l-arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi implimentati minn CCP fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u jevalwaw is-suq, ir-riskji operazzjonali u tal-likwidità li għalihom is-CCP tkun, jew tista' tkun, esposta." | "L-awtoritajiet kompetenti għandhom, **f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sorveljanti kompetenti u l-bank central tal-ħruġ**, mill-inqas fuq bażi annwali, jirrevedu l-arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi implimentati minn CCP fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u jevalwaw is-suq, ir-riskji operazzjonali u tal-likwidità li għalihom is-CCP tkun, jew tista' tkun, esposta." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ bħala sorveljanti u banek ċentrali tal-ħruġ għandhom jiġu riflessi fir-reviżjoni kontinwa tal-attivitajiet ta' CCPs mhux awtorizzati wkoll sabiex jiġi evitat li CCPs jiġu reveduti separatament minn supervizuri u sorveljanti.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 16***

L-Artikolu 18(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni, superviżjoni u sorveljanza tas-CCPs stabiliti fit-territorju tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-AETS bihom.<br><br>Meta Stat Membru jaħtar iżjed minn awtorità kompetenti waħda, għandu b'mod ċar jiddetermina r-rwoli rispettivi u għandu jaħtar awtorità waħda biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni mal-Kummissjoni, l-AETS u l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra skont l-Artikoli 19 sa 22." | "1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni, **u** superviżjoni ~~u sorveljanza~~ tas-CCPs stabiliti fit-territorju tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-AETS bihom.<br><br>Meta Stat Membru jaħtar iżjed minn awtorità kompetenti waħda, għandu b'mod ċar jiddetermina r-rwoli rispettivi u għandu jaħtar awtorità waħda biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni mal-Kummissjoni, l-AETS, **is-sorveljanti kompetenti, il-bank ċentrali tal-ħruġ** u l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra skont l-Artikoli 19 sa 22.<br><br>**Il-ħatra ta' awtoritajiet kompetenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' sorveljanza kif stabilita fl-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3.1 u l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ, u/jew kwalunkwe liġi nazzjonali u regolament li jirregolaw il-kompetenzi ta' sorveljanza tal-BĊNi.**" |

*Spjegazzjoni*

*L-emenda proposta għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-regolament propost hija intiża biex tiġi evitata l-impressjoni li kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli biex twettaq l-obbligi li jirriżultaw mir-regolament propost fil-qasam ta' sorveljanza għar-raġunijiet li ġejjin:*

*L-ewwel, it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ diġà jagħtu poter lill-BĊE u lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro biex jagħmlu s-sorveljanza; fil-każ ta' BĊNi, liġijiet jew regolamenti nazzjonali jistgħu jidduplikaw jew jissupplimentaw wkoll dawn is-setgħat. Fil-każ ta' BĊNi ta' Stati Membri li għadhom ma daħħlux l-euro, l-kompetenza tal-bank ċentrali biex jagħmel sorveljanza hija stabilita fil-liġijiet u regolamenti nazzjonali. Biex dan jiġi ċċarat, il-BĊE jipproponi li jiżdied it-tielet subparagrafu li jirriferi għall-bażi legali applikabbli għall-kompetenzi ta' sorveljanza tal-banek ċentrali.*

*It-tieni, ir-regolament propost ma jimponix u m'għandu jimponi l-ebda obbligu ta' sorveljanza fuq il-membri tas-SEBĊ. Għaldaqstant, m'hemmx għalfejn issir referenza għall-proċess ta' ħatra tal-awtoritajiet kompetenti fil-qasam ta' sorveljanza.*

*Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-regolament propost dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni meta tinħatar iktar minn awtorità kompetenti waħda, huwa wkoll meħtieġ li ssir referenza għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-banek ċentrali rilevanti.*

***Emenda 17***

L-Artikolu 19(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u mal-AETS." | "1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u mal-AETS, **u mal-membri tas-SEBĊ.**" |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi fl-obbligu għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 18***

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. Madankollu, dawk il-kundizzjonijiet ma għandhomx iżommu lill-AETS, l-awtoritajiet kompetenti u l-banek ċentrali rilevanti milli jiskambjaw jew jittrażmettu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra applikabbli għal ditti tal-investiment, istituzzjonijiet tal-kreditu, fondi ta' pensjoni, impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ('UCITS'), maniġers ta' fondi tal-investiment alternattiv ('AIFM'), intermedjarji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, impriżi tal-assigurazzjoni, swieq regolati jew operaturi tas-suq jew inkella bil-kunsens tal-awtorità kompetenti jew xi awtorità jew korp iehor jew persuna fiżika jew ġuridika li tkun ikkomunikat l-informazzjoni." | "4. Madankollu, dawk il-kundizzjonijiet ma għandhomx iżommu lill-AETS, l-**awtoritajiet kompetenti**, is-sorveljanti kompetenti u l-banek ċentrali ~~rilevanti~~ **tal-ħruġ** milli jiskambjaw jew jittrażmettu informazzjoni kunfidenzjali skont dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni oħra applikabbli għal ditti tal-investiment, istituzzjonijiet tal-kreditu, fondi ta' pensjoni, impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ('UCITS'), maniġers ta' fondi tal-investiment alternattiv ('AIFM'), intermedjarji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, impriżi tal-assigurazzjoni, swieq regolati jew operaturi tas-suq jew inkella bil-kunsens tal-awtorità kompetenti jew xi awtorità jew korp iehor jew persuna fiżika jew ġuridika li tkun ikkomunikat l-informazzjoni." |

*Spjegazzjoni*

*L-ezenzjoni għall-awtoritajiet rilevanti fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali jkollha tkopri wkoll il-membri tas-SEBĊ minħabba r-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tagħhom bħala sorveljanti, bħala banek ċentrali tal-ħruġ u biex jissodisfaw il-funzjoni statistika tagħhom kif jintqal fl-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ.*

***Emenda 19***

L-Artikolu 21(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni lill-banek ċentrali tas-SEBĊ fejn din l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom." | "4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni **lis-sorveljanti kompetenti**, lill-banek ċentrali **tal-ħruġ** ~~tas-SEBĊ~~ **u l-BERS** fejn din l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom." |

*Spjegazzjoni*

*Huwa importanti li l-membri tas-SEBĊ li jwettqu r-rwoli tagħhom ta' sorveljanti, bħala l-banek ċentrali tal-ħruġ u fir-rigward tal-funzjoni statistika tagħhom, li tista' taqa' fuq membri tas-SEBĊ differenti, jirċievu informazzjoni rilevanti għat-twettiq ta' dmirijiethom mill-awtoritajiet kompetenti. Fuq l-istess linja, il-BERS għandu jirċievi wkoll informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu filwaqt li jikkunsidra l-mandat tiegħu u r-rilevanza sistemika tas-CCPs.*

***Emenda 20***

L-Artikolu 22 tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "L-awtorità kompetenti jew kwalunkwe awtorità oħra għandha tinforma lill-AETS, il-kulleġġ u awtoritajiet rilevanti oħra mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza marbuta ma' CCP, inkluż l-iżviluppi fi swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe Stat Membru fejn is-CCP jew wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha jkun stabilit." | "L-awtorità kompetenti jew kwalunkwe awtorità oħra għandha tinforma lill-AETS, **is-sorveljanti kompetenti, u l-banek ċentrali tal-ħruġ**, il-kulleġġ u awtoritajiet rilevanti oħra mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza marbuta ma' CCP, inkluż l-iżviluppi fi swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe Stat Membru fejn is-CCP jew wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha jkun stabilit." |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
| --- | --- |

*Spjegazzjoni*

*Huwa importanti li l-membri tas-SEBĊ li jwettqu r-rwoli tagħhom bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ jirċievu informazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza minħabba l-obbligi statutorji tagħhom marbutin ma' dawk ir-rwoli.*

***Emenda 21***

L-Artikolu 23(2) tar-regolament propost

| | |
| --- | --- |
| "2. L-AETS għandha tirrikonoxxi CCP minn pajjiż terz, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:<br><br>[…]<br><br>(c) ikunu ġew stabiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni fil-paragrafu 4." | "2. L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tirrikonoxxi CCP minn pajjiż terz, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:<br><br>[…]<br><br>(c) ikunu ġew stabiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni fil-paragrafu 4.;<br><br>**(d) il-liġijiet applikabbli fil-ġurisdizzjoni tas-CCP tal-pajjiż terz jiżguraw ir-reciprocità fir-rigward tas-CCPs mill-Unjoni.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jikkunsidra li deċiżjoni biex CCPs ta' pajjiż terz jiġu rrikonoxxuti għandha tittieħed f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ sabiex jiġi żgurat li kull tħassib fuq is-sorveljanza ta' bank ċentrali u l-politika li jirrigwardaw, pereżempju, il-likwidità u l-ġestjoni tar-riskju jkunu riflessi b'mod adegwat.*

*Barra minn dan, il-BĊE jipproponi li tiddaħħal ir-raba' kundizzjoni li suġġetti għaliha l-liġijiet applikabbli fil-ġurisdizzjoni tas-CCP ta' pajjiż terz jiżguraw ir-reciprocità għas-CCPs mill-Unjoni, li jixtiequ jipprovdu servizzi f'dak l-Istat terz.*

***Emenda 22***

L-Artikolu 23(3) tar-regolament propost

| | |
| --- | --- |
| "3. Il-Kummissjoni tista' tadotta Deċiżjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 69(2), li tiddetermina li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz jiżguraw li s-CCPs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u li dawn is-CCPs ikunu soġġetti għal supervizjoni effettiva u infurzar f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa." | "3. Il-Kummissjoni tista' tadotta Deċiżjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 69(2), **u abbażi ta' opinjoni konġunta mill-AETS, il-membri tas-SEBĊ u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti**, li tiddetermina li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz jiżguraw li s-CCPs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u li dawn is-CCPs ikunu soġġetti għal supervizjoni, **sorveljanza** u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa." |

*Spjegazzjoni*

*Deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tiddetermina li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz jiżguraw li CCPs awtorizzati hemmhekk jikkonformaw mar-rekwiżiti vinkolanti ekwivalenti tal-Unjoni, għandha tiġi adottata biss abbażi ta' opinjoni konġunta mill-AETS, il-membri tas-SEBĊ li jaqdu r-rwoli tagħhom bħala sorveljanti u l-banek ċentrali tal-ħruġ u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|

***Emenda 23***

L-Artikolu 23(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. L-AETS għandha tistabilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom gew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 3. […]" | "4. L-AETS għandha, **f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sorveljanti kompetenti u l-bank ċentrali tal-ħruġ**, tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 3. […]" |

*Spjegazzjoni*

*Huwa importanti li membri tas-SEBĊ li jaqdu r-rwoli tagħhom bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ ikunu involuti fit-twaqqif ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi biex jiżguraw kopertura xierqa ta' u kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' sorveljanza.*

***Emenda 24***

L-Artikolu 24(9) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "9. Jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut minimu tar-regoli u l-arranġamenti ta' governanza msemmija fil-paragrafi (1) sa (8). | "9. Jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut minimu tar-regoli u l-arranġamenti ta' governanza msemmija fil-paragrafi (1) sa (8). |
| […] | […] |
| L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għadhom ikunu riflessi wkoll fl-osservanza tal-istandards tekniċi regolatorji fuq dispożizzjonijiet generali applikabbli għas-CCPs.*

***Emenda 25***

L-Artikolu 27(3) u (5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. CCP għandha tagħmel ir-rekords u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-informazzjoni kollha dwar il-pożizzjonijiet ta' kuntratti klerjati, irrispettivament mill-post fejn ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet, disponibbli lill-awtorità kompetenti u lill-AETS meta mitluba. | "3. CCP għandha tagħmel ir-rekords u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-informazzjoni kollha dwar il-pożizzjonijiet ta' kuntratti klerjati, irrispettivament mill-post fejn ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet, disponibbli lill-awtorità kompetenti, ~~u~~ lill-AETS, **is-sorveljanti kompetenti u l-banek ċentrali tal-ħruġ** meta mitluba. |
| […] | […] |
| 5. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi tal-paragrafi 1 u 2, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-format tar-rekords u l-informazzjoni li għandha tinżamm. | 5. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi tal-paragrafi 1 u 2, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-format tar-rekords u l-informazzjoni li għandha tinżamm. |
| L-istandards tekniċi tal-implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-[Artikolu 7e] tar-Regolament …/… [Regolament AETS]. | L-istandards tekniċi tal-implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-[Artikolu 7e] tar-Regolament …/… [Regolament AETS]. |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| L-AETS għandha tissottometti abbozzi dwar dawk l-istandards tekniċi regolatorji tal-implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Is-CCPs għandhom jagħmlu rekords u informazzjoni disponibbli, wara talba, ukoll lill-membri tas-SEBĊ li jaqdu r-rwoli tagħhom bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ minħabba l-obbligi statutorji tagħhom relatati ma' dawk ir-rwoli.*

***Emenda 26***

L-Artikolu 32(2) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "2. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw il-kontenut minimu tal-pjan ta' kontinwità tal-operat u l-livell minimu tas-servizzi li l-pjan ta' rkupru minn dizastru għandu jiggarantixxi.<br><br>[…]<br><br>L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "2. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw il-kontenut minimu tal-pjan ta' kontinwità tal-operat u l-livell minimu tas-servizzi li l-pjan ta' rkupru minn dizastru għandu jiggarantixxi.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji ta' membri tas-SEBĊ fil-qasam ta' sorveljanza għandhom ikunu riflessi wkoll fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut minimu tal-pjan ta' kontinwità tan-negozju u l-livell minimu ta' servizzi li l-pjan ta' rkupru ta' disastru għandu jiggarantixxi.*

***Emenda 27***

Tħassir tal-Artikolu 37(5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "5. Ir-rekwiżiti stabiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jipprevalixxu fuq kwalunkwe liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kunfliġġenti tal-Istati Membri li jżommu lill-partijiet milli josservawhom." | "~~5. Ir-rekwiżiti stabiliti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jipprevalixxu fuq kwalunkwe liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kunfliġġenti tal-Istati Membri li jżommu lill-partijiet milli josservawhom.~~" |

*Spjegazzjoni*

*Id-dritt sekondarju tal-Unjoni jipprevali fuq id-dritt nazzjonali sakemm ma jintweriex li ma teżisti l-ebda kompetenza tal-Unjoni f'dan ir-rigward. Id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fuq id-dritt privat, id-dritt dwar l-insolvenza u regoli oħrajn dwar l-oqsma tad-dritt ma jingħatawx lill-Unjoni, u għaldaqstant mhuwiex legalment fattibbli li b'mod generali tiġi injorata l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 28***

L-Artikolu 39(5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-perċentwal xieraq u l-firxa taż-żmien, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li għandhom jitqiesu għall-klassijiet differenti ta' strumenti finanzjarji.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-perċentwal xieraq u l-firxa taż-żmien, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li għandhom jitqiesu għall-klassijiet differenti ta' strumenti finanzjarji.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **b'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ** u b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji ta' membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom ikunu riflessi wkoll fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw rekwiżiti ta' marġini.*

***Emenda 29***

L-Artikolu 40(2) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "2. CCP għandha tistabilixxi d-daqs minimu tal-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza u l-kriterji għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar singoli. Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu proporzjonali mal-iskoperturi ta' kull membru tal-ikklerjar, sabiex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza tal-inqas jippermettu li s-CCP tkun tiflaħ l-inadempjenza tal-membru tal-ikklerjar li għalih ikollha l-ikbar skoperturi jew tat-tieni jew it-tielet l-ikbar membru tal-ikklerjar, jekk is-somma tal-iskoperturi tagħhom tkun ikbar." | "2. CCP ~~għandha~~ **tista'** tistabilixxi **iktar minn** ~~minimu tal-kontribuzzjonijiet għall-~~fond tal-inadempjenza **wieħed għall-klassijiet ta' strumenti differenti li tikklerja.** ~~u l-kriterji għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar singoli. Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu proporzjonali mal-iskoperturi ta' kull membru tal-ikklerjar, sabiex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza tal-inqas jippermettu li s-CCP tkun tiflaħ l-inadempjenza tal-membru tal-ikklerjar li għalih ikollha l-ikbar skoperturi jew tat-tieni jew it-tielet l-ikbar membru tal-ikklerjar, jekk is-somma tal-iskoperturi tagħhom tkun ikbar~~." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-regolament propost għandu jkun konsistenti max-xogħol li jkun għaddej tas-CPSS-IOSCO. Għal dan il-għan, ir-regolament propost għandu jiffoka fuq prinċipji ta' livell għoli u jalloka r-responsabbiltà tal-iżvilupp tal-istandards tekniċi lill-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ (ara wkoll l-emenda 30 hawn isfel).*

***Emenda 30***

L-Artikolu 40(3) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. CCP tista' tistabilixxi izjed minn fond tal-inadempjenza wieħed għall-klassijiet differenti ta' strumenti li tikklerja."<br><br>**L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli [7 sa 7d] tar-Regolament …/… [Regolament AETS].** | "3. ~~CCP tista' tistabilixxi izjed minn fond tal-inadempjenza wieħed għall-klassijiet differenti ta' strumenti li tikklerja~~. **Jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji ta' fondi ta' inadempjenza msemmijin fil-paragrafi 1 u 2.** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|
| | **L-AETS, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.**" |

*Spjegazzjoni*

*Kif ġie nnutat hawn fuq, ir-regolament propost għandu jkun konsistenti max-xogħol li jkun għaddej tas- CPSS-IOSCO. Għal dan il-għan, ir-regolament propost għandu jiffoka fuq prinċipji ta' livell għoli u jalloka r-responsabbiltà tal-iżvilupp tal-istandards tekniċi lill-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ.*

***Emenda 31***

L-Artikolu 41(2) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "2. CCP għandha tiżviluppa xenarji ta' kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli, li jinkludu l-izjed perjodi volatili li jkunu gew esperjenzati mis-swieq li għalihom is-CCP tipprovdi s-servizzi tagħha. Il-fond tal-inadempjenza msemmi fl-Artikolu 40 u r-rizorsi finanzjarji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 għandhom f'kull ħin jippermettu li s-CCP tkun tiflaħ għall-inadempjenza taz-żewġ membri tal-ikklerjar li lejhom ikollha l-ikbar skoperturi u għandhom jippermettu lis-CCP li tkun tiflaħ bejgħ għall-għarrieda ta' rizorsi finanzjarji u tnaqqis rapidu fil-likwidità tas-suq." | "2. ~~CCP għandha tiżviluppa xenarji ta' kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli, li jinkludu l-izjed perjodi volatili li jkunu gew esperjenzati mis-swieq li għalihom is-CCP tipprovdi s-servizzi tagħha.~~ Il-fond tal-inadempjenza msemmi fl-Artikolu 40 u r-rizorsi finanzjarji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1 għandhom f'kull ħin jippermettu li s-CCP tkun tiflaħ għall-**telf potenzjali f'kundizzjonijiet estremi imma plawżibbli. CCP għandha tiżviluppa xenarji ta' dawn il-kundizzjonijiet tas-suq estremi imma plawżibbli**.~~inadempjenza taz-żewġ membri tal-ikklerjar li lejhom ikollha l-ikbar skoperturi u għandhom jippermettu lis-CCP li tkun tiflaħ bejgħ għall-għarrieda ta' rizorsi finanzjarji u tnaqqis rapidu fil-likwidità tas-suq.~~" |

*Spjegazzjoni*

*Kif ġie innutat hawn fuq, ir-regolament propost għandu jkun konsistenti max-xogħol li jkun għaddej tas-CPSS-IOSCO. Għal dan il-għan, ir-regolament propost għandu jiffoka fuq prinċipji ta' livell għoli u jalloka r-responsabbiltà tal-iżvilupp tal-istandards tekniċi lill-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ (ara l-emenda 33 hawn taħt).*

***Emenda 32***

L-Artikolu 41(3) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. CCP għandha tikseb il-linji tal-kreditu meħtieġa jew arranġamenti simili sabiex tkopri l-bżonnijiet ta' likwidità tagħha f'każ li r-rizorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħha ma jkunux disponibbli minnufih. Kull membru tal-ikklerjar, impriża prinċipali jew sussidjarja tal-membru tal-ikklerjar ma jistgħux jipprovdu izjed minn 25 fil-mija tal-linji tal-kreditu meħtieġa mis-CCP." | "3. **CCP għandha tkejjel fuq bażi ta' kuljum il-ħtiġijiet tal-likwidità potenzjali. CCP għandha f'kull ħin ikollha aċċess għal likwidità adegwata biex twettaq is-servizzi u l-attivitajiet tagħha. Għal dak l-iskop**, CCP għandha tikseb il-linji tal-kreditu meħtieġa jew arranġamenti simili sabiex tkopri l-bżonnijiet ta' likwidità tagħha f'każ li r-rizorsi finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħha ma jkunux disponibbli minnufih. Kull membru tal-ikklerjar, impriża prinċipali jew sussidjarja tal-membru tal-ikklerjar ma jistgħux jipprovdu izjed minn 25 fil-mija tal-linji tal-kreditu meħtieġa mis-CCP." |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Biex jiġi żgurat l-allinjament max-xogħol għaddej tas-CPSS-IOSC, għandha tiddaħħal referenza għall-kalkolu ta' kuljum tas-CCP tal-bżonnijiet ta' likwidità potenzjali tagħhom flimkien ma' referenza li tiżgura d-disponibbiltà tas-CCP ta' likwidità adegwata.*

***Emenda 33***

L-Artikolu 41(5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet estremi msemmija fil-paragrafu 2 li s-CCP għandha tkun tiflaħ għalihom. | "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet estremi msemmija fil-paragrafu 2 li s-CCP għandha tkun tiflaħ għalihom **u l-kriterji għal likwidità adegwata msemmija fil-paragrafu 3.** |
| […] | […] |
| L-AETS, b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u** f'konsultazzjoni mal-ABE għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Bħala konsegwenza tal-emendi 11 u 32 ta' hawn fuq, l-Artikolu 41(5) tar-regolament propost għandu jiġi emendat biex jiżgura li l-istandards tekniċi regolatorji jiġu żviluppati, u dan għandu jseħħ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ.*

***Emenda 34***

L-Artikolu 42(2) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "2. Meta l-marġini li ddaħħlu mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti ma jkunux biżżejjed biex ikopru t-telf imġarrab mis-CCP, is-CCP għandha tuża l-kontribuzzjoni tal-fond tal-inadempjenza tal-membru tal-inadempjenza biex tkopri dan it-telf. | "2. **Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għal-likwidità adegwata msemmija fil-paragrafu 1.** |
| | **L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont [l-Artikoli [7 sa 7d] tar-Regolament …/… [Regolament AETS].** |
| | **L-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.** ~~Meta l-marġini li ddaħħlu mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti ma jkunux biżżejjed biex ikopru t-telf imġarrab mis-CCP, is-CCP għandha tuża l-kontribuzzjoni tal-fond tal-inadempjenza tal-membru tal-inadempjenza biex tkopri dan it-telf~~. |
| 3. CCP għandha tuża biss il-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza u kontribuzzjonijiet oħra tal-membri tal-ikklerjar mhux tal-inadempjenza wara li tkun ezawrixxiet il-kontribuzzjonijiet tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti u, fejn rilevanti, il-fondi tas-CCP stess imsemmija fl-Artikolu 41(1). | 3. ~~CCP għandha tuża biss il-kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza u kontribuzzjonijiet oħra tal-membri tal-ikklerjar mhux tal-inadempjenza wara li tkun ezawrixxiet il-kontribuzzjonijiet tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti u, fejn rilevanti, il-fondi tas-CCP stess imsemmija fl-Artikolu 41(1).~~ |
| 4. CCP ma għandhiex tkun permessa li tuża l-marġini li ddaħħlu minn membri tal-ikklerjar mhux inadempjenti biex tkopri t-telf riżultanti mill-inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar wieħed." | 4. ~~CCP ma għandhiex tkun permessa li tuża l-marġini li ddaħħlu minn membri tal-ikklerjar mhux inadempjenti biex tkopri t-telf riżultanti mill-inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar wieħed.~~" |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Kif ġie nnutat hawn fuq, ir-regolament propost għandu jkun konsistenti max-xogħol li jkun għaddej tas-CPSS-IOSCO. Għal dan il-għan, ir-regolament propost għandu jiffoka fuq prinċipji ta' livell għoli u jalloka r-responsabbiltà tal-iżvilupp tal-istandards tekniċi lill-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ.*

***Emenda 35***

L-Artikolu 43(3) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tip ta' kollateral li jista' jitqies bħala likwidu ħafna u t-tnaqqis impost imsemmija fil-paragrafu 1.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, b'konsultazzjoni mas-SEBĊ u l-ABE, għandha tissottometti abbozzi fuq dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tip ta' kollateral li jista' jitqies bħala likwidu ħafna u t-tnaqqis impost imsemmija fil-paragrafu 1.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, u b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi lill-Kummissjoni għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza huma riflessi diġà fl-Artikolu 43(3) tar-regolament propost dwar l-elaborazzjoni ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ħtiġijiet ta' kollateral. Madankollu, billi s-SEBĊ m'għandhiex personalità legali, "SEBĊ" għandha tinbidel b'"membri tas-SEBĊ".*

***Emenda 36***

L-Artikolu 44(5) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji likwidi ħafna msemmija fil-paragrafu 1 u l-limiti ta' konċentrazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi fuq dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "5. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji likwidi ħafna msemmija fil-paragrafu 1 u l-limiti ta' konċentrazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u** b'konsultazzjoni mas-SEBĊ, għandha tissottometti abbozzi fuq dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jinħarġu fuq politika ta' investiment applikabbli għas-CCPs.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 37***

L-Artikolu 45(3) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. Is-CCP għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha immedjatament tinforma lill-awtorità responsabbli għas-supervizjoni tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti meta s-CCP tqis li l-membru tal-ikklerjar mhux se jkun kapaċi li jissodisfa l-obbligi futuri tiegħu u meta s-CCP jkollha l-intenzjoni li tiddikjara l-inadempjenza tiegħu." | "3. Is-CCP għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha immedjatament tinforma lill-awtorità responsabbli għas-supervizjoni tal-membru tal-ikklerjar, **flimkien mas-sorveljanti kompetenti u l-bank ċentrali tal-ħruġ rilevanti**, meta s-CCP tqis li l-membru tal-ikklerjar mhux se jkun kapaċi li jissodisfa l-obbligi futuri tiegħu u meta s-CCP jkollha l-intenzjoni li tiddikjara l-inadempjenza tiegħu." |

*Spjegazzjoni*

*Minħabba r-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza u bħala banek ċentrali tal-ħruġ, l-obbligu tal-informazzjoni dwar membri tas-CCPs tal-ikklerjar f'inadempjenza, li l-awtorità kompetenti huwa maħsub li jkollha taħt l-Artikolu 45(3) tar-regolament propost fir-rigward tas-supervizuri, għandu jiġi estiż biex ikorpi wkoll membri tas-SEBĊ li jwettqu r-rwoli msemmijin iktar 'il fuq.*

***Emenda 38***

L-Artikolu 46(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan li ġej: | "4. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dan li ġej: |
| […] | […] |
| L-AETS, b'konsultazzjoni mal-ABE, għandha tissottometti abbozzi fuq dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, u** b'konsultazzjoni mas-SEBĊ, għandha tissottometti abbozzi fuq dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jinħarġu fuq mudelli ta' reviżjoni, ittestjar tal-istress u ittestjar b'lura applikabbli għas-CCPs.*

***Emenda 39***

L-Artikolu 50(3) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "3. Fejn awtorità kompetenti tqis li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ma jkunux gew issodisfatti, hi għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tar-riskju għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra u s-CCPs involuti. Għandha wkoll tinnotifika lill-AETS, li għandha toħroġ opinjoni dwar il-validità effettiva tal-kunsiderazzjonijiet tar-riskju bħala bażi għal caħda ta' arrangament tal-interoperabbiltà. L-opinjoni tal-AETS għandha tkun disponibbli għas-CCPs kollha involuti. Fejn il-valutazzjoni tal-AETS ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti rilevanti, din l-awtorità għandha tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-AETS." | "3. Fejn awtorità kompetenti tqis li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2 ma jkunux gew issodisfatti, hi għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tar-riskju għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra u s-CCPs involuti. Għandha tinnotifika wkoll lill-AETS, **lis-sorveljanti kompetenti u lill-bank ċentrali tal-ħruġ rilevanti u huma għandhom jiġu mistiedna joħorġu** opinjoni**jiet** separati li għandha tohrog opinjoni dwar il-validità effettiva tal-kunsiderazzjonijiet tar-riskju bħala bażi għal ċaħda ta' arranġament tal-interoperabbiltà. L-opinjoni tal-AETS **u l-opinjoni tas-sorveljanti kompetenti u tal-bank ċentrali tal-ħruġ rilevanti** għandha tkun disponibbli għas-CCPs kollha involuti. Fejn il-valutazzjoni |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
| --- | --- |
| | ~~tal-AETS~~ **f'dawn l-opinjonijiet** ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti rilevanti, din l-awtorità għandha tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha, filwaqt li tqis l-opinjoni**jiet** tal-AETS, **is-sorveljanti kompetenti u l-banek ċentrali tal-ħruġ rilevanti**." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ għandhom jiġu riflessi wkoll fl-osservanza tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-arranġamenti ta' interoperabbiltà għas-CCPs.*

## *Emenda 40*

L-Artikolu 50(4) tar-regolament propost

| | |
| --- | --- |
| "4. Sat-30 ta' Ġunju 2012, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bil-għan li jiġu stabiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabilità, skont il-proċedura stabilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament …/… [Regolament AETS]" | "4. Sat-30 ta' Ġunju 2012, l-AETS għandha, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu stabiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabilità, skont il-proċedura stabilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament …/… [Regolament AETS]" |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fl-osservanza tal-ħruġ ta' linji gwida jew rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu stabiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effettivi ta' arranġamenti ta' interoperabbiltà għas-CCPs.*

## *Emenda 41*

L-Artikolu 52(3) tar-regolament propost

| | |
| --- | --- |
| "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mal-AETS msemmija fil-paragrafu 1.<br><br>[…]<br><br>L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." | "3. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċfikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mal-AETS msemmija fil-paragrafu 1.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012." |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fl-adozzjoni ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet mal-AETS.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 42***

L-Artikolu 52(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| “4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards *ta' implimentazzjoni* li jiddeterminaw il-format tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mal-AETS.<br><br>[…]<br><br>L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.” | “4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, qed jiġu kkonferiti setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards *ta' implimentazzjoni* li jiddeterminaw il-format tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mal-AETS.<br><br>[…]<br><br>L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.” |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fl-osservanza tal-adozzjoni ta' standards ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-format tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet mal-AETS.*

***Emenda 43***

L-Artikolu 60(1) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| “1. L-AETS għandha tirtira r-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:<br><br>[…]” | “1. L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tirtira r-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:<br><br>[…]” |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fir-rigward tal-irtirar tar-reġistrazzjoni bħala repożitorju tat-tranżazzjonijiet mill-AETS.*

***Emenda 44***

L-Artikolu 63(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| “4. L-AETS għandha tistabilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 3. Tali arranġamenti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-Unjoni jkollhom aċċess immedjat u kontinwu għall-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom. Dawk l-arranġamenti għandhom mill-inqas jispeċifikaw:<br><br>[…]” | “4. L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa **legali**, ta' sorveljanza u superviżorji tagħhom ikunu ġew ikkunsidrati bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 3. Tali arranġamenti għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-Unjoni jkollhom aċċess immedjat u kontinwu għall-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom. Dawk l-arranġamenti għandhom mill-inqas jispeċifikaw:<br><br>[…]” |

*Spjegazzjoni*

*Huwa importanti li l-membri tas-SEBĊ jkunu involuti fit-twaqqif ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata kopertura xierqa ta' u kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' sorveljanza fir-rigward tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Emenda 45*

L-Artikolu 67(2) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "2. Repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-entitajiet li ġejjin: | "2. Repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmel l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-entitajiet li ġejjin: |
| (a) AETS; | (a) AETS; |
| (b) l-awtoritajiet kompetenti li jissuperviżjonaw l-impriżi soġġetti għall-obbligu tar-rapportar taħt l-Artikolu 6; | (b) l-awtoritajiet kompetenti li jissuperviżjonaw l-impriżi soġġetti għall-obbligu tar-rapportar taħt l-Artikolu 6; |
| (c) l-awtorità kompetenti li tissuperviżjona s-CCPs li jaċċessaw ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet; | (c) l-awtorità kompetenti li tissuperviżjona s-CCPs li jaċċessaw ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet; |
| (d) il-banek ċentrali rilevanti tas-SEBĊ." | (d) ~~il-banek ċentrali rilevanti tas-SEBĊ~~ **is-sorveljanti kompetenti**; |
| | **(e) il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti l-iktar rilevanti tal-istrumenti finanzjarji rreġistrati;** |
| | **(f) il-membri tas-SEBĊ għat-twettiq tal-funzjoni statistika tagħhom;** |
| | **(g) il-BERS.**" |

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fir-rwoli tagħhom bħala sorveljanti u bħala banek ċentrali tal-ħruġ, kif ukoll il-funzjoni statistika tagħhom, għandhom ikunu riflessi fir-rigward tat-trasparenza u d-disponibbiltà tad-data tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Barra minn hekk, kif ġie indikat fil-kontribut tal-Eurosistema ta' Settembru 2009 għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea fuq "Inizjattivi possibbli biex tissaħħah ir-reżistenza tas-swieq ta' derivati OTC" (disponibbli fis-sit elettroniku tal-BĊE fuq http://www.ecb.europea.eu), il-BĊE jikkunsidra r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet bħala għodod essenzjali għat-titjib tal-proċeduri operattivi u t-trasparenza fis-swieq finanzjarji, speċjalment fir-rigward tas-swieq ta' derivati OTC u, fejn ikun rilevanti, l-istrumenti sottostanti. B'mod partikolari, sa fejn repożitorji ta' tranżazzjonijiet jiksbu kopertura komprensiva ta' ċerti prodotti, huma jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet regolatorji u superviżorji u parteċipanti fis-suq finanzjarju b'ħarsa fwaqtha lejn l-akkumulazzjoni u d-distribuzzjoni ta' skoperturi fis-swieq rilevanti. B'dan il-mod, repożitorji tad-data ċentrali jista' jkollhom rwol ukoll bħala fornituri ta' informazzjoni, u sa fejn huwa possibbli fformati paragunabbli u konsistenti mal-qafas statistiku tal-Unjoni li huma meħtiega biex l-awtoritjajiet rilevanti jkunu jistgħu jistabilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija għar-riskji finanzjarji emerġenti. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊE jipproponi li jiżdied il-BERS mal-lista ta' awtoritajiet, istituzzjonijiet u korpi li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa mingħand repożitorji tat-tranżazzjonijiet.*

*Emenda 46*

L-Artikolu 67(4) tar-regolament propost

| | |
|---|---|
| "4. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (1) u (2). | "4. Qed jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (1) u (2). |
| […] | […] |
| L-AETS għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa mhux izjed tard mit-30 ta' Ġunju 2012." | L-AETS, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ**, għandha tissottometti abbozzi għal dawk l-istandards regolatorji tekniċi lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012." |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Ir-rwol u r-responsabbiltajiet statutorji tal-membri tas-SEBĊ fil-qasam tas-sorveljanza għandhom jiġu riflessi wkoll fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tad-data li għandha tiġi ppubblikata mir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet kif ukoll informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-AETS u awtoritajiet rilevanti oħrajn, bħall-BERS, għall-eżerċizzju ta' dmirijiethom.*

(1) Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar test.